# Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti 2020

Rapport Annwali
tal-Parlament Ewropew



Direttorat Ġenerali għall-Presidenza
Parlament Ewropew

## DAĦLA

Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ilhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fil-pussess tagħhom sa mit-3 ta' Diċembru 2001.

Skont l-Artikolu 17(1) ta' dak ir-Regolament, kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru.

Skont l-Artikolu 122(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Bureau tal-Parlament għandu jadotta r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

## METODOLOĠIJA

Ir-rapport annwali tal-2020 tal-Parlament huwa mħejji abbażi tal-metodoloġija li ġejja:

– iċ-ċifri relatati mad-dokumenti mitluba jirreferu għal dokumenti speċifiċi biss;
– id-deċiżjonijiet ta' aċċess parzjali jingħaddu bħala risposti pożittivi;
– l-applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jkunu relatati ma' deċiżjonijiet inizjali li jirrifjutaw l-aċċess jew ma' deċiżjonijiet inizjali li jagħtu aċċess parzjali;
– hija d-data ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni inizjali li tiddetermina s-sena tal-applikazzjoni konfermatorja korrispondenti.

**WERREJ**


*Sinteżi* ... 4

*KAPITOLU I Applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2020* ... 5

A) Reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament ... 5

B) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti ... 6

C) Profil awtodikjarat tal-applikanti ... 9

*KAPITOLU II Tendenzi u kwistjonijiet speċifiċi* ... 11

A) Adattament għar-realtà tal-pandemija tal-COVID-19 ... 11

B) Applikazzjonijiet għal aċċess għat-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu ... 11

*KAPITOLU III Ilmenti mressqa lill-Ombudsman Ewropew u proċedimenti ġudizzjarji* ... 13

A) Ombudsman ... 13

A.1) Każijiet ta' lmenti magħluqa fl-2020 ... 13

B) Stħarriġ ġudizzjarju ... 14

B.1) Każijiet ġodda ... 14

B.2) Kawżi pendenti fl-2020 ... 14

Kawża T-421/17 (appell C-761/18 P), Leino-Sandberg vs Il-Parlament ... 14

*Osservazzjonijiet finali* ... 16

# Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti – 2020
# (Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001)

## *Sinteżi*

*Ċifri*

- Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-bażi tad-data tar-reġistru kien fiha 820 061 referenza, meta mqabbla mas-776 627 sal-aħħar tas-sena ta' qabel.
- Fl-2020, is-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament ġie kkonsultat minn 61 251 utent differenti. Fl-istess perjodu, il-Parlament irċieva, permezz tal-formola ta' applikazzjoni online, b'email jew b'ittra, 442 applikazzjoni, tnaqqis ta' 31% meta mqabbel mal-2019.
- Minn dawn l-442 applikazzjoni, 93 kienu jirrigwardaw divulgazzjoni ta' dokumenti preċedentement mhux divulgati lill-pubbliku.
- Ir-rata kumplessiva ta' risposti pożittivi qabżet it-93% fl-2020 u b'hekk baqgħet stabbli meta mqabbla mal-2019.
- Il-Parlament irrifjuta l-aċċess f'29 każ, l-aktar b'rabta ma' applikazzjonijiet għal dokumenti amministrattivi u dokumenti relatati mal-Membri tal-Parlament Ewropew.
- F'10 każijiet il-Parlament ta aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba.
- Ir-rata ta' applikazzjonijiet konfermatorji, bi 8 applikazzjonijiet konfermatorji ppreżentati matul is-sena, naqset kemxejn meta mqabbla mal-2019.

*Tendenzi*

- Il-Parlament introduċa arranġamenti ta' xogħol mingħajr preċedent biex jindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19.
- L-applikanti komplew juru interess qawwi fin-negozjati leġiżlattivi interistituzzjonali: it-tabella b'ħafna kolonni tat-trilogu hija l-akbar kategorija ta' dokumenti mitluba preċedentement mhux divulgati.

## KAPITOLU I

***Applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2020***

Iċ-ċifri u l-istatistika diskussi f'din it-taqsima jippermettu l-identifikazzjoni ta' tendenzi fil-qasam tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Jagħtu wkoll lill-pubbliku stampa wiesgħa tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 mill-Parlament.

### *A) Reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament*

Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament inħoloq fl-2002 bil-għan li tkompli tiżdied it-trasparenza u jsir aktar faċli għall-pubbliku biex jaċċedi għad-dokumenti tal-istituzzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Ir-reġistru jiġbor ir-referenzi għad-dokumenti direttament aċċessibbli, l-aktar dokumenti leġiżlattivi u, meta possibbli, kategoriji oħra ta' dokumenti. Jospita wkoll portal għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti li mhumiex direttament aċċessibbli.

B'żieda ta' kważi 6% meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sal-31 ta' Diċembru 2020, in-numru ta' referenzi għad-dokumenti preżenti fil-bażi tad-data tar-reġistru laħaq it-820 061 (li, meta jitqiesu d-diversi verżjonijiet lingwistiċi, b'kollox jirrappreżentaw 5 264 040 dokument). Skont it-termini tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ir-reġistru pubbliku ma fihx dokumenti sensittivi.

*Fig. 1)* ***Evoluzzjoni tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament***




Is-sit web tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti żaruh għal 65 795 darba 61 251 utent differenti. Din iċ-ċifra ma tqisx iż-żjarat permezz ta' pjattaformi oħrajn kollegati mal-bażi tad-

data tar-reġistru, fosthom il-pjattaformi tal-kumitati parlamentari u l-paġni web tat-Think Tank tal-Parlament.

Prattikament id-dokumenti kollha fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament jistgħu jitniżżlu direttament mis-sit web, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, skont liema l-istituzzjonijiet għandhom, kemm jista' jkun, jagħmlu d-dokumenti tagħhom direttament disponibbli. Id-dokumenti li ma jistgħux jiġu kkonsultati direttament jistgħu jintalbu permezz tal-formola ta' applikazzjoni online[1] jew b'email.

Is-sit web tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti għadda minn għadd ta' bidliet viżivi u strutturali biex titjieb l-aċċessibbiltà u l-faċilità fl-użu. F'dan is-sens, id-disinn grafiku tas-sit ġie aġġornat u l-konfigurazzjoni tiegħu issa se tadatta ruħha għal firxa wiesgħa ta' apparati u formati ta' skrins. Fl-istess ħin, it-titjib tal-kodifika u magna ta' tfittxija ġdida jiżguraw ritorni aktar sinifikattivi u aktar rapidi għat-tfittxijiet, bis-saħħa ta' viżwalizzazzjoni ta' metadata u ta' filtri ferm effiċjenti. Fl-aħħar, qafas ta' analiżi ġdid se jippermetti li dak li jkun jifhem il-mod li bih is-sit web jintuża u jippermetti l-iżviluppi futuri xierqa.

### *B) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti*

Fl-2020, il-Parlament irċieva 442 applikazzjoni permezz tal-portal ta' applikazzjoni online, b'email jew b'ittra. Minn dawn l-applikazzjonijiet 363 minnhom ikkonċernaw dokumenti speċifiċi, filwaqt li 79 ikkonċernaw numru indefinit ta' dokumenti.

Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Parlament ġie kkonsultat minn istituzzjonijiet oħra fir-rigward ta' 38 applikazzjoni għall-aċċess għal dokumenti li nħarġu, almenu parzjalment, mill-Parlament. Madwar terz ta' dawn il-konsultazzjonijiet kienu dokumenti tat-trilogu. Bil-maqlub, il-Parlament ittratta 59 applikazzjoni li kienu jirrikjedu l-konsultazzjoni ta' istituzzjonijiet oħrajn, billi d-dokumenti mitluba kienu nkitbu minn istituzzjoni oħra jew oriġinaw minnha, almenu parzjalment. Il-maġġoranza assoluta ta' dawn l-applikazzjonijiet kienet tikkonċerna dokumenti tat-trilogu.

31% tal-applikazzjonijiet kollha li waslu matul is-sena talbu l-aċċess pubbliku għad-"*dokumenti kollha relatati ma'*" jew għad-"*dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" suġġett partikolari.

Mill-442 applikazzjoni li waslu fl-2020, il-Parlament ta risposta pożittiva f'413-il każ. Din iċ-ċifra tinkludi 10 każijiet li fihom l-aċċess għad-dokumenti mitluba ngħata b'mod parzjali.

[1] https://www.secure.europarl.europa.eu/RegistreWeb/requestdoc/secured/form.htm?language=MT.

*(Fig. 3)* ***Numru ta' applikazzjoni u ta' risposti pożittivi***




Mill-442 applikazzjoni, 93 kienu jirrigwardaw dokumenti li preċedentement mhux divulgati lill-pubbliku. It-93 applikazzjoni inkwistjoni involvew id-divulgazzjoni ta' 1173 dokument ta' dan it-tip, b'żieda ta' 103% meta mqabbel mal-2019.

Il-maġġor parti tal-applikazzjonijiet għal dokumenti preċedentement mhux divulgati kienet tikkonċerna n-negozjati tat-trilogu (28%), dokumenti amministrattivi u dokumenti tal-organi ta' tmexxija (19%) u dokumenti tal-kumitati u tad-delegazzjonijiet (13%).

*(Fig. 4)* ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti preċedentement mhux divulgati u risposti pożittivi***



Għal dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjonijiet irreġistrati fl-2020, is-Segretarju Ġenerali ħa 39 deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-regoli dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew[2], b'hekk irrifjuta l-aċċess u ta l-aċċess parzjali rispettivament f'29 u f'10 każijiet.

Id-deċiżjonijiet li jirrifjutaw l-aċċess tal-pubbliku jew li jagħtu aċċess parzjali kienu jikkonċernaw firxa wiesgħa ta' suġġetti u dokumenti. F'madwar kwart ta' tali każijiet, ir-rifjut li jingħata aċċess kien iddeterminat mill-fatt li l-applikazzjoni korrispondenti kienet titlob l-aċċess għal dokumenti mhux fil-pussess tal-Parlament skont it-termini tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) 1049/2001. Disa' deċiżjonijiet kienu jikkonċernaw l-ispejjeż tal-Membri tal-Parlament Ewropew. Barra minn dan, id-dokumenti amministrattivi kienu kkonċernati minn 7 deċiżjonijiet u l-opinjonijiet ġuridiċi minn 4 deċiżjonijiet.

Ġew ippreżentati 8 applikazzjonijiet konfermatorji[3]. F'kull wieħed minn dawn il-każijiet, l-istituzzjoni kkonfermat il-pożizzjoni inizjali tagħha.

Id-deċiżjonijiet biex jiġi rifjutat l-aċċess jew biex jingħata aċċess parzjali, li kienu msejsa fuq diversi eċċezzjonijiet, kienu prinċipalment ibbażati fuq il-bżonn li jiġu protetti l-privatezza u l-integrità tal-individwi (*Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001*), il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni (*Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001*), l-iskop ta' ispezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki (*it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001*) u l-protezzjoni tal-parir legali (*it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001*).

*(Fig. 4)* ***Użu tal-eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***




[2] Id-Deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-regoli dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew (ĠU C 216, 22.7.2011, p. 19).

[3] L-applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jsiru fir-rigward ta' rifjuti totali jew parzjali li jitolbu lill-istituzzjoni terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha (Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

Bħala konklużjoni, ir-rata kumplessiva ta' risposti pożittivi tal-Parlament baqgħet għolja għal madwar 93%.

### C) *Profil awtodikjarat tal-applikanti*[4]

Esponenti mid-dinja akkademika u riċerkaturi komplew jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-applikanti: aktar minn 15% tal-applikanti li jappartjenu għal din il-kategorija, segwita mis-settur tan-negozju, mill-organizzazzjonijiet ambjentali u minn rappreżentanti oħra ta' interessi, li, flimkien, jikkostitwixxu madwar 5% tal-applikazzjonijiet. Fl-2020 il-ġurnalisti kkostitwew biss 5% tal-applikanti.

*(Fig. 5)* ***Profil professjonali tal-applikanti fl-2020***




Id-distribuzzjoni ġeografika tal-applikazzjonijiet fost l-Istati Membri, skont l-informazzjoni li waslet għand il-Parlament, inbidlet ftit. Minkejja ma ssemma l-ebda pajjiż ta' residenza tal-applikant f'34% tal-applikazzjonijiet, madwar 17% tal-applikazzjonijiet kollha sar minn applikanti li ddikjaraw li kellhom sede fil-Ġermanja, 9% fi Franza, 5% fi Spanja, 5% ieħor fl-Italja u 4% fil-Belġju. In-numru ta' applikanti li ddikjaraw li kienu residenti f'pajjiżi terzi kien jirrappreżenta madwar 5% tat-total. Filwaqt li l-applikanti mir-Renju Unit ġew ikkunsidrati applikanti ta' Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 122 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea. Madankollu, in-numru u l-perċentwal ta' applikazzjonijiet ippreżentati minn applikanti li ċċertifikaw lilhom innifishom bħala residenti tar-Renju Unit naqsu b'mod sinifikanti meta mqabbel mas-snin preċedenti.

[4] Id-data dwar il-profili tal-applikanti tinġabar fuq il-bażi tal-informazzjoni fornuta minnhom fl-applikazzjonijiet tagħhom. Madankollu, peress li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jirrikjedix li l-applikanti jfornu informazzjoni dwar l-identità tagħhom, uħud minnhom fil-fatt jagħżlu li ma jindikawx il-professjoni tagħhom; dan huwa l-każ b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet ippreżentati b'email.

*(Fig. 6)* ***Distribuzzjoni ġeografika***




*(Fig. 7)* ***Distribuzzjoni lingwistika***




L-Ingliż, madankollu, baqa' l-ilsien l-aktar użat fl-applikazzjonijiet (57%), segwit mill-Ġermaniż (20%), mill-Franċiż (9%) u mill-Ispanjol (5%).

## KAPITOLU II
***Tendenzi u kwistjonijiet speċifiċi***

### *A) Adattament għar-realtà tal-pandemija tal-COVID-19*

Minkejja waħda mill-aktar kriżijiet gravi tas-saħħa pubblika ta' dan l-aħħar żmien, ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament adotta miżuri li ppermettewlu jkompli jwettaq l-attivitajiet essenzjali tiegħu u, fl-istess ħin, iħares is-saħħa tal-Membri, tal-persunal u tal-viżitaturi. Bil-għan li jittaffa r-riskju ta' infezzjoni mill-virus tal-COVID-19 u t-tixrid tiegħu, min-naħa tal-Membri, tal-persunal u ta' kull min jinsab fir-reċinti tiegħu, il-Parlament kellu jintroduċi arranġamenti tax-xogħol speċifiċi fosthom il-limitazzjoni tal-aċċess għall-binjiet tal-Parlament u 100% telexogħol għall-maġġor parti tal-persunal tiegħu, għajr għal dawk li l-preżenza fiżika tagħhom kienet indispensabbli. Dan ħtieġ adattamenti rapidi tas-sistemi informatiċi u tal-kapaċitajiet tal-Parlament biex jippermettu t-telexogħol fuq skala ferm akbar minn qatt qabel, kif ukoll proċessi ta' xogħol ma baqgħux jinkludu l-interazzjoni interpersonali jew il-preżenza fiżika fl-uffiċċju.

Minkejja l-isfidi li ħolqot il-pandemija, il-Parlament irnexxielu jirrispetta l-iskadenzi applikabbli għall-proċeduri ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti. Huwa u jagħmel hekk, iggarantixxa li d-dritt tal-applikanti li jiksbu l-aċċess pubbliku għad-dokumenti mitluba fit-terminu preskritt ma jinkisirx, lanqas f'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

### *B) Applikazzjonijiet għal aċċess għat-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu*

L-interess taċ-ċittadini fin-negozjati leġiżlattivi interistituzzjonali ma naqasx matul is-sena. Fl-2020, il-Parlament irċieva u pproċessa 48 applikazzjoni għal aċċess pubbliku għat-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu, filwaqt li ġie kkonsultat 13-il darba dwar tali applikazzjonijiet li waslu għand il-Kunsill jew il-Kummissjoni. L-applikazzjonijiet għat-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu għaldaqstant baqgħu l-akbar kategorija ta' dokumenti preċedentement mhux divulgati mitluba fl-2020.

It-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu fihom il-pożizzjonijiet tal-bidu tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament fin-negozjati fi tliet kolonni separati, kif ukoll il-kompromessi maqbula proviżorjament fil-laqgħat tat-trilogu fir-raba' kolonna, spiss b'osservazzjonijiet dwar il-progress tan-negozjati. Billi t-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu jinkludu l-kontenut mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, dawn jitfasslu b'mod konġunt u, fil-prinċipju, l-istituzzjoni li tittratta applikazzjoni għal aċċess għal tali dokumenti tikkonsulta liż-żewġ istituzzjonijiet l-oħra biex tiddetermina jekk it-tabella tistax tiġi divulgata jew huwiex neċessarju tiġi rifjutata tali tabella jew partijiet minnha minħabba eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess.

Tali konsultazzjonijiet isiru fil-qafas ta' memorandum ta' qbil konkluż bejn is-servizzi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni bl-iskop li jsiru malajr il-konsultazzjonijiet fl-ambitu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u biex jiġu evitati

deċiżjonijiet kunfliġġenti min-naħa tal-istituzzjonijiet. Madankollu, dan il-proċess ta' konsultazzjoni jista' jippreżenta xi diffikultajiet.

L-interess tal-pubbliku fil-pubblikazzjoni tat-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu huwa relattivament għoli. Madankollu, it-tabelli normalment huma dokumenti twal ħafna, spiss jilħqu l-mijiet ta' paġni, u għalhekk valutazzjoni sħiħa każ b'każ tagħhom, kif għadu meħtieġ mill-ġurisprudenza, tista' tieħu żmien twil. Konsegwentement, il-Parlament spiss kellu jestendi bi 15-il jum utli it-terminu biex jirrispondi għall-applikazzjonijiet għal dokumenti tat-trilogu, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2002.

Tali limiti temporali xi kultant jistgħu jkunu aggravati minn opinjonijiet diverġenti f'dik li hija divulgazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u mill-interess biex jiġi rispettat il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, inkwantu l-memorandum ta' qbil ma jipprevedix speċifikament mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tad-diverġenzi.

Fl-2020, wara valutazzjoni kif jixraq, il-Parlament dejjem deherlu li t-tabelli b'ħafna kolonni tat-trilogu setgħu jiġu divulgati fit-totalità tagħhom, xi kultant wara li tiġi anonimizzata d-data personali tal-uffiċjali involuti fl-abbozzar tat-tabelli. Fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu mal-approċċ tal-Parlament.

**KAPITOLU III**
***Ilmenti mressqa lill-Ombudsman Ewropew u proċedimenti ġudizzjarji***

L-ilmenti mressqa lill-Ombudsman Ewropew u l-proċedimenti ġudizzjarji relatati mal-implimentazzjoni min-naħa tal-Parlament tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu opportunità biex l-amministrazzjoni tirfina l-prattika tagħha fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti, indipendentement mill-eżitu tal-proċedura inkwistjoni. Dan il-kapitolu jeżamina l-każijiet ta' lmenti ttrattati mill-Ombudsman fl-2020 u kawża pendenti wara appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra digriet tal-Qorti Ġenerali.

***A) Ombudsman***

***A.1) Każijiet ta' lmenti magħluqa fl-2020***

- Ilment 1498/2019

L-ilment kien jikkonċerna l-aħjar prattika tal-Parlament biex jinnotifika d-deċiżjonijiet tiegħu dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti lill-applikanti bil-posta rreġistrata b'konferma tar-riċevuta, bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, anke bil-ħsieb li jiġu rispettati l-iskadenzi statutarji għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni konfermatorja u rimedju legali sussegwenti. F'dan il-każ partikolari, l-applikant kien talab li d-deċiżjoni tintbagħat lilu elettronikament, permezz tal-pjattaforma online li kien uża biex jagħmel l-applikazzjoni. Madankollu, il-Parlament irrifjuta li jagħmel dan sabiex jikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/1725 peress li deċiżjoni bħal din kienet tiġi ppubblikata awtomatikament online, inkluża d-data personali li tinsab fid-deċiżjoni.

L-Ombudsman qablet mal-valutazzjoni tal-Parlament fir-rigward tal-bżonn ta' ċertezza tad-dritt u ma sabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

- Ilment 63/2020

Il-Parlament irrifjuta l-aċċess għal ritratt ta' Membru, ritratt li ma kienx fil-pussess tal-istituzzjoni għax kien tħassar ftit wara li ttieħed billi ma kien konformi mar-rekwiżiti editorjali u istituzzjonali. L-applikant deherlu li l-Parlament seta' ħassar ir-ritratt biss wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu.

L-Ombudsman qieset li l-affermazzjoni tal-Parlament li ma kienx fil-pussess tar-ritratt, u ma setax għalhekk jagħti l-aċċess għar-ritratt, kienet raġonevoli u li l-applikant naqas milli jikkonfuta l-preżunzjoni ġuridika ta' veridiċità, kif ikkonfermat il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward ta' tali affermazzjoni. Għaldaqstant ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina.

- Ilment 684/2020

L-ilment kien jirrigwarda rifjut għall-aċċess pubbliku għall-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data relatata mas-software u mas-servizzi żviluppati għall-fażi preparatorja tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019. L-aċċess ġie rifjutat biex jitħares l-iskop ta' ispezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki msemmi fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Fiż-żmien meta l-Parlament kien qed jadotta d-deċiżjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni konfermatorja, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) kien għadu qed jagħmel ispezzjoni ċċentrata, fost oħrajn, fuq il-miżuri adottati mill-Parlament biex jindirizza r-riskji identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data. Sa dak il-mument, l-EDPS ma kienx għadu ppreżenta l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni tiegħu, inkluża l-validazzjoni tal-miżuri adottati biex jimpedixxi l-ipproċessar tad-data personali minn partijiet terzi. L-Ombudsman għalqet il-proċedura tagħha u kkonstatat li ma kinux ġustifikati indaġnijiet ulterjuri.

Abbażi ta' applikazzjoni ġdida separata ppreżentati lill-Parlament wara l-konklużjoni tal-ispezzjoni tal-EDPS inkwistjoni, il-Parlament ta aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba, wara li kien neħħa d-data personali u l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva, kif rikjest mill-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

### *B) Stħarriġ ġudizzjarju*

#### *B.1) Każijiet ġodda*

Il-kontestazzjonijiet li jirrigwardaw id-deċiżjonijiet tal-Parlament dwar l-aċċess għad-dokumenti huma relattivament rari. Fl-2020 ma ġie ppreżentat lill-Qorti Ġenerali l-ebda rikors għal annullament.

#### *B.2) Kawżi pendenti fl-2020*

#### *Kawża T-421/17 (appell C-761/18 P), Leino-Sandberg vs Il-Parlament*

F'Lulju 2017, professoressa tad-dritt tal-UE ppreżentat rikors għal annullament ta' deċiżjoni tal-Parlament li tirrifjuta l-aċċess pubbliku għal deċiżjoni tal-Parlament ddatata t-8 ta' Lulju 2015 fuq il-bażi li din id-deċiżjoni tal-aħħar kienet qed tiġi kkontestata quddiem il-Qorti, fil-Kawża *T-540/15 - De Capitani vs Il-Parlament*, u li d-divulgazzjoni tagħha kienet se tippreġudika dawk il-proċeduri ġudizzjarji.

Fl-2018, il-Qorti Ġenerali stabbiliet li, billi fl-aħħar mill-aħħar l-applikant kisbet l-aċċess għad-dokument, għad li permezz tad-divulgazzjoni minn parti terza, ir-rikors kien tilef l-iskop tiegħu u, għalhekk, l-applikant tilfet l-interess fit-teħid ta' deċiżjoni fil-kawża. Ir-rikorrent ressqet appell kontra dak id-digriet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li fih affermat l-iżbalji ta' liġi li jinsabu fih, sal-punt li hija kienet tal-fehma li ma kienx għad hemm skop għar-rikors u li kien intilef l-interess ġuridiku.

F'Jannar 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-digriet appellat u rrinvijat l-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali  B'mod partikolari, laqgħet l-appell peress li r-rikorrent kienet issostni li r-rikors ma kienx tilef l-iskop tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja dehrilha li, billi r-rikorrent kienet kisbet l-aċċess għad-dokument kontenzjuż permezz ta' divulgazzjoni minn parti terza

u li l-Parlament kompla jirrifjuta l-aċċess għal tali dokument, ma jistax jitqies li r-rikorrent kienet kisbet aċċess għalih skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u lanqas li, għaldaqstant, ir-rikorrent kienet tilfet l-interess li titlob l-annullament tad-deċiżjoni sempliċement minħabba dan l-iżvelar.

Il-kawża għadha pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

### *Osservazzjonijiet finali*

Is-sena 2020 kienet ċertament ikkaratterizzata mill-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u mill-miżuri stabbiliti mill-Parlament biex jiggarantixxi li seta', minkejja l-pandemija, ikompli jwettaq il-funzjonijiet kollha tiegħu u jonora l-obbligi tiegħu previsti mil-liġi, inkluż ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. B'dawk il-miżuri mwieżna bir-reqqa u l-impenn tal-persunal tiegħu, il-Parlament adatta ruħu għaċ-ċirkostanzi l-ġodda u rrisponda b'suċċess għad-diffikultajiet mhux mistennija. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess pubbliku għad-dokumenti, dan fisser ir-rispett sħiħ tat-termini previsti mil-liġi biex jirrispondi lill-applikanti.